

Brussell, 9 ta' Marzu 2018
(OR. en)

6998/18

JUR 119
POLGEN 27

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Il-Ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea li jemenda l-punt 4 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea: - Dikjarazzjoni tal-Kunsill

1. Fis-7 ta' Frar 2018 il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ffirmaw ftehim li jemenda l-punt 4 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea¹. Dik l-emenda tissostitwixxi l-punt 4 tal-Ftehim Qafas biex il-membri tal-Kummissjoni jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-kampanji fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.
2. Is-Servizz Legali ħareġ opinjoni legali fit-28 ta' Frar 2018 dwar il-Ftehim imsemmi, li kkunsidrah kuntrarju għall-prinċipju tal-bilanċ istituzzjonali stabbilit bit-Trattati².
3. Il-Grupp Antici eżamina fis-6 ta' Marzu l-opinjoni tas-Servizz Legali dwar dak il-Ftehim. B'segwitu għal dik id-diskussjoni, il-Presidenza kkonkludiet li dikjarazzjoni, kif rakkomandat mis-Servizz Legali, tiġi ppreżentata għall-approvazzjoni mill-Kunsill bħala punt I/A.
4. L-abbozz tad-dikjarazzjoni jinsab anness ma' din in-Nota.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, fil-parti A tal-aġenda tiegħu għal laqgħa li jmiss, japprova d-dikjarazzjoni annessa ma' din in-nota u jirreġistraha fil-minuti tal-laqgħa.

¹ ĠU L 45 tas-17.02.2018, paġna 46.

² Dokument 6607/18.

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAL-KUNSILL

Il-Kunsill jinnota l-"Ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea li jemenda l-punt 4 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea", iffirmit fi Strasburgu fis-7 ta' Frar 2018.

Il-Kunsill itenni li l-konformità mat-Trattati kostituttivi tal-Unjoni, fit-termini li bihom ġew ratifikati mill-Istati Membri, huwa l-prinċipju fundamentali li jirregola l-eżistenza u l-funzjonament tal-Unjoni. It-Trattati jiddefinixxu b'mod eżawrjenti l-kompetenzi rispettivi tal-Istituzzjonijiet (Artikolu 13(2) TUE). Dawn il-kompetenzi ma jistgħu la jiġu emendati u lanqas ssupplimentati mill-Istituzzjonijiet infushom. It-Trattati jipprevedu l-konklużjoni ta' arranġamenti bejniethom għall-kooperazzjoni tagħhom, f'konformità mat-Trattati.

Il-Kunsill innota li billi jenħtieġ li l-ftehim tal-Parlament Ewropew jiddetermina l-kondizzjonijiet għal membru tal-Kummissjoni biex jipparteċipa f'kampanji għall-Parlament Ewropew, il-ftehim jagħti lill-Parlament Ewropew kompetenza mhux mogħtija lilu mit-Trattati u b'hekk jillimita l-awtonomija tal-Kummissjoni u tal-President tagħha, u b'konsegwenza ta' dan jikser il-prinċipju tal-bilanċ istituzzjonali stabbilit mit-Trattati. Barra minn hekk, il-Kunsill itenni, f'konformità mad-dikjarazzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-"Ftehim Qafas", li dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-ftehim jimmodifikaw il-bilanċ stabbilit fit-Trattati.

Il-Kunsill itenni li ser jissottometti fil-Qorti tal-Ġustizzja kwalunkwe att jew azzjoni tal-Parlament Ewropew jew tal-Kummissjoni mwettqa b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-"Ftehim Qafas" li jmorru kontra l-interessi tal-Kunsill u l-prerogattivi mogħtija lilu mit-Trattati.